MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 308/2008

**Mifsud John (ID 68467M) u Margaret mart l-istess John Mifsud (ID 227168M)**

**vs**

**Maria Concetta Briffa (ID281740M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti premettew:

Illi huma sellfu lill-intimata s-somma ta' €34,940.60 ekwivalenti ghal Lm15,000 f'Lulju 2006 u dawn kellhom jithallsu lura sa Lulju 2007.

Illi l-intimata ma hallset xejn minkejja li giet interpellata anke permezz ta' ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2008.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1.Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili

u

2.Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' €34,940.60 li huma ekwivalenti ghal Lm15,000.

Bl-ispejjez u bl-interessi mill-1 ta' Frar 2008 kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tar-rikorrenti;

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 9 ta' Gunju 2008 li biha rriducew it-talba attrici ghall-ammont ta' €30,281.85 li huma ekwivalenti ghall-Lm13,000;

Rat in-nota tal-intimata li biha ammettiet it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-intimata, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi u fuq ammissjoni ta' l-intimata din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghas-somma ta' tletin elf, mitejn wiehed u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85) li huma ekwivalenti ghal tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------